**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 22**

**L-Erbgħa, 11 ta' Diċembru, 2024**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.40 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor.Adrian Delia, l-Onor. Katya De Giovanni (sostitut), l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Julie Zahra u l-Onor. Romilda Zarb (sostitut) kienu preżenti. Kienet preżenti wkoll l-Onor. Rosianne Cutajar.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 21 li saret fit-30 ta' Ottubru 2024, kienu kkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SA LISA CASSAR SHAW GĦALL-KARIGA TA' CHAIRPERSON TAL-AWTORITÀ TAL-ISTANDARDS GĦAL PERSUNI ANZJANI**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għas-Saħħa u -Anzjanità Attiva l-Onor. Jo-Etienne Abela, datata 5 ta' Novembru 2024, dwar in-nomina tas-Sa Lisa Cassar Shaw għall-ħatra ta' Chairperson tal-Awtorità tal-Istandards għal Persuni Anzjani.

Il-Kumitat stieden lis-Sa Cassar Shaw sabiex tidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Is-Sa Cassar Shaw daħlet fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sa Cassar Shaw li d-domandi u t-tweġibiet tagħha kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sa Cassar Shaw tat rendikont tal-karriera tagħha f'diversi pożizzjonijiet maniġerjali kif ukoll esperjenza vasta fi proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea, semmiet li kienet membru ta' numru ta' bordijiet u l-aħħar kariga tagħha kienet ta' CEO fis-Social Care and Standards Authority.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni bbażata fuq dawn il-mistoqsijiet.

Fl-4.58 p.m. il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sa Lisa Cassar Shaw u talabha sabiex tirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tagħhau

Fl-4.59 p.m. il-laqgħa rriżumiet u meta l-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sa Lisa Cassar Shaw għall-ħatra ta' Chairperson tal-Awtorità tal-Istandards għal Persuni Anzjani u l-membri kollha vvutaw favur din il-ħatra.

Il-ħatra proposta għaddiet nem. con.

Fil-5.00 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sa Lisa Cassar Shaw tidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sa Lisa Cassar Shaw daħlet fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tagħha għall-kariga ta' Chairperson tal-Awtorità tal-Istandards għal Persuni Anzjani kienet ġiet approvata mill-Kumitat u li, skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

Is-Sa Casar Shaw rringrazzjat lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtirat mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SUR NEIL KERR GĦALL-KARIGA TA' RAPPREŻENTANT PERMANENTI GĦALL-UNJONI EWROPEA RESIDENTI ĠEWWA BRUSSELL, IL-BELĠJU**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borġ, datata 18 ta' Novembru 2024, dwar in-nomina tas-Sur Neil Kerr għall-ħatra ta' Rappreżentant Permanenti għall-Unjoni Ewropea.

Il-Kumitat stieden lis-Sur Neil Kerr sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Is-Sur Neil Kerr daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sur Neil Kerr li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sur Neil Kerr ta rendikont tal-karriera tiegħu fl-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u li ilu 18-il sena jaħdem mal-istess istituzzjonijiet, kemm Malta kif ukoll Brussell. Fosthom f'Dar Malta, fejn beda bħala Technical Attachè fejn tidħol l-edukazzjoni, serva bħala Deputat Rappreżentant Permanenti fl-istess uffiċċju ġewwa Dar Malta, kif ukoll għen fit-tħejjijiet tal-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Ewropa f'Malta.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni bbażata fuq dawn il-mistoqsijiet.

Fl-5.11 p.m. il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sur Neil Kerr u talbu sabiex jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-5.13 p.m. il-laqgħa rriżumiet u meta l-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sur Neil Kerr għall-kariga ta' Rappreżentant Permanenti għall-Unjoni Ewropea, il-kumitat ivvota favur din il-ħatra.

Il-ħatra proposta għaddiet nem. con.

Fl-5.22 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sur Neil Kerr jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sur Neil Kerr daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Rappreżentant Permanenti għall-Unjoni Ewropea, residenti ġewwa Brussell, il-Belġju kienet ġiet approvata mill-Kumitat u li, skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, u l-Kummerċ.

Is-Sur Neil Kerr irringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Fis-5.14 p.m. il-Kumitat ikkonkluda d-diskussjoni u aġġorna.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**